MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 489/2004/1

**Selective Quality Letting Ltd**

**vs**

**Mall Systems Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta’ April, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Marzu, 2004, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u erbgha u erbghin lira (Lm644) rapprezentanti refuzjoni ta` flus imhallsa mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta ghal installar ta` software u programming liema xoghol

ghalkemm esegwit baqa` ma hadem qatt u kwindi kellhom jitqabbdu terzi ghal xoghol ta` installar mill-gdid.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta datata 29 ta` Marzu, 2004 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi ssostni li s-sistema hadmet tajjeb u fil-fatt hija thalset tax-xoghol u fi kwalunkwe kaz jekk is-sistema zviluppat xi difett dan kien dovut ghal xi virus u / jew per konsegwenza ta` xoghol ezegwit minn terzi in segwitu tal-installazzjoni ezegwita mis-socjeta` konvenuta. B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra l-provi migjuba u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi s-socjeta` attrici qieghdha tikkontendi f'dawn il-proceduri li huma kien inkarigaw u halsu lis-socjeta` konvenuta biex din ta` l-ahhar tinstallalha programme ta` database fuq il-computer taghha, cioe` tip ta` programme li jkun adattat ghan-natura tan-negozju li tizvolgi l-istess socjeta` attrici fl-ambitu tal-kiri ta` proprjeta` immobbiljari. Fil-programme in kwistjoni kellhom jigu nkluzi l-informazzjoni u l-karatteristici kollha konnessa ma` l-istess proprjeta` li ser tkun disponibbli ghal kiri.

Dan kollu gie zvelat quddiem dan it-Tribunal tramite l-affidavit ta` Joseph Sullivan, direttur tas-socjeta` attrici. L-istess direttur jissokta jghid li ghalkemm is-sistema giet installata din qatt ma hadmet kif suppost kellha tahdem. Jaghti ezempju semplici. Jekk wiehed kellu l-intenzjoni li jfittex biss ghal proprjetajiet li qed imorru sa rata ta` kera ta` Lm300 fix-xahar, is-sistema kienet qed ittellghalu proprjetajiet ohra. Is-socjeta` attrici tikkontendi li mill-bidu nett hija lmentat mix-xoghol

mahdum mis-socjeta` konvenuta u dana kif jirrizulta minn sensiela ta` emails li jinsabu ezebiti u mmarkati minn Dok SQL sa SQL 8. Problema ohra affaccjata kien il-fatt li l-programme in kwistjoni kien intenzjonat li jigi trasferit ghal fuq website tas-socjeta` attrici. Apparti l-fatt li kellhom ihalsu s-somma ulterjuri ta` Lm92 bil-quddiem, l-informazzjoni relattiva baqghet ma setghetx tigi trasferita ghal fuq il-website krejat apposta u dana peress li kien qed jigi allegat li s-sistema maghrufa bhala is-CSV ROUTINE SYSTEM installata mis-socjeta` konvenuta ma bediex jiffunzjona. Dan id-direttur ikompli jsostni illi s-socjeta` konvenuta kienet giet inkarigata biex tibni s-sistema kollha tal-computers taghhom mill-bidu nett u ghalhekk kienet ir-responsabbilita` ta` l-istess socjeta` konvenuta sabiex tassigura li din ma tkunx milquta` minn xi viruses.

Fl-affidavit tieghu, Johan Zammit tal-Alert Communications Limited ikkonferma li sab is-CSV ROUTINE SYSTEM ma bdietx tiffunzjona ghal finijiet ta` trasferiment ta` data mill-computer ghal website bil-konsegwenza li s-socjeta` attrici ma setghetx toffri lill-klijenti taghha facilita` ta` tfittxija elettronika “on line”.  Saru diversi tentattivi sabiex din is-sistema tibda` tithaddem pero` kien kollu ghal xejn u s-sistema baqghet qatt ma ffunzjonat.

Derek D’Amato ta` SkiWorks jikkonferma li huma kienu gew imqabbda mis-socjeta` attrici sabiex jinstallawlhom sistema mill-gdid ghal trasferiment ta` data jismu Data Flex u dana peress illi dak installat mis-socjeta` konvenuta baqa` qatt ma hadem.

Dr Malcolm Mallia li jahdem bhala engineer mas-socjeta` konvenuta jallega li ghalkemm kien gie avvicinat mis-socjeta` attrici, dawn qatt ma lmentaw mieghu dwar xi problema fuq downloading ta` proprjeta`. Meta kkonfrontat minn email ezebita u mmarkata Dok SQL 3, huwa

jammetti li gie avzat b'dik il-problema pero` jispjega li din kienet fil-CSV file u mhux fit-thaddim tad-database vera u proprja. Huwa jammetti wkoll li kien hemm din il-problema fuq Is-CSV file bil-konsegwenza li d-data ma setghetx tigi trasferita ghal fuq il-website. Huwa jghid li kien offra bhala soluzzjoni l-installar ta` Hex format minghajr hlas ulterjuri pero` ghal xi raguni din l-offerta ma gietx accettata mis-socjeta` attrici. Jikkontendi wkoll li l-problema fis-CSV file system ma kinietx dovuta ghal xi difett jew nuqqas fl-istess sistema nfisha izda il-ghaliex kien jehtiegilha sistema ohra biex jaqralha d-data minhabba l-format li kellu, cioe` bhal commas u karattri u punctuation marks ohra u kien ghalhekk li ssuggerixxa l-Hex format. Dan ix-xhud wiegeb li ma kienx fil-kompitu tieghu li jistabbilixxi jekk kienx hemm problema fis-server ukoll.

Dr Mark Sammut ghas-socjeta` konvenuta jghid li huwa ma kienx ircieva xi ilmenti minghand is-socjeta` attrici li s-sistema tad-database installata minnhom ma kinietx qed tiffunzjona tajjeb. Huwa jallega li l-problemi riskontrati mis-socjeta` attrici kienu provenjenti minn infezzjoni ta` viruses li in segwitu attakkaw is-sistema u dana kif jidher mill-on site calls maghmula u invoiced ezebiti u mmarkati Dok MS1 sa MS 4. Ghar-rigward is-servizz ta` l-internet huma ma kellhom x'jaqsmu xejn. Huwa jghid pero` li s-sistema originali nstallata minn Mall kienet kompatibbli ma uzu on line u dana peress li kienet miktuba bid-data flex kuntrarjament ghal dak allegat minn Derek D'Amato tal-Alert Communications. Din is-sistema maghrufa bhala CSV thalset mis-socjeta` attrici kif jidher minn dokument ezebit u mmarkat Dok MS 5 (Lm92). In kontro-ezami huwa jikkonferma li kien konsapevoli dwar in-natura tan-negozju tas-socjeta` attrici u illi l-programme mixtieq kellu jkun adattat ghal tali xoghol. Ikkonferma wkoll li s-socjeta` attrici kienet qed tilmenta mill-fatt li ma kienx qed ikollhom access ghad-database

taghhom. Meta rrispondew ghal dan it-tip ta` ilment sabu li l-problema kienet wahda ta` semplici viruses, kwindi naddfu s-sistema minnhom u giet tahdem tajjeb. Sistema ta` anti virus ma kienux installawlha lis-socjeta` attrici peress li ma kinietx tifforma parti mix-xoghol assunt. Jghid ukoll li kien ikun ferm aktar ghaqli li kieku giet installata anti virus sistema qabel l-installazzjoni tas-CSV Routine system. Ikompli jsostni li s-sistema tad-database li nstallaw lis-socjeta` attrici kienet waqghet u kwindi reza mhux accessibbi aktar peress illi viruses kienu attakkaw l-engine tal-computer.

Dion Barbieri prodott mis-socjeta` konvenuta jikkonferma l-inkarigu moghti lilha mis-socjeta` attrici biex tirrendi s-servizzi ndikati f’Dok DB 1 liema xoghol gie debitament espletat ghas-soddisfazzjoni tas-socjeta` attrici tant illi hija kienet halsithom kollox ghas-saldu. Bhal ma ndika Dr Sammut qabblu, huwa kkonferma li s-socjeta` konvenuta ma kellha x’taqsam xejn ma` l-internet u kif ukoll li l-problema li kienu qed jiffaccjaw kienet kagun ta` xi virus u mhux minhabba xi xoghol hazin ezegwit minnhom. Izid jghid li fid-diversi on site inspections li ghamlu ghand is-socjeta` attrici meta msejha minnha l-problema li sabu dejjem kienet konnessa ma` infezzjoni b’viruses u jaccetta l-fatt li tali viruses setghu impedew lill-klijent taghhom milli jaccedu ghad-database.

Illi mill-provi hawn prodotti ghandu jirrizulta b’mod lampanti li s-socjeta` konvenuta certament ma espletatx l-inkarigu lilha moghti ghas-soddisfazzjon tal-klijent taghha. Illi kif konfermat minn Dr Sammut ghas-socjeta` konvenuta, huma kienu jafu ben tajjeb dwar il-htigijiet tas-socjeta` attrici minhabba l-generu tax-xoghol taghhom u li xtaqu li d-data inputtjata tkun accessibbli on line. Ma hiex skuza li kollox gie stagnat u ma hadem xejn kif suppost minhabba ntruzjoni ta` viruses. Is-

socjeta` konvenuta ilha f'dan ix-xoghol ghal diversi snin u kwindi kellha tkun ben konsapevoli tal-fatt sabiex ix-xoghol taghha jigi ezegwit skond kif titlob is-sengha u l-arti li l-programmi nstallati kellhom jigu ben protetti minn qabel minn sistema adegwata ta` anti virus – altrimenti x-xoghol ikun sar ta` kaf kaf u ghal xejn kif dal resto konfermat ukoll mill-istess Dr Mark Sammut. It-Tribunal ma jistax jifhem kif is-socjeta` konvenuta ma rnexxiliex tasal ghal tarf din il-problema partikolarment dwar is-CSV Routine System fid-diversi on site inspections li ghamlet u s-socjeta` attrici kellha tqabbad terza persuna biex tirrimedja tramite nstallazzjoni mill-gdid ta` software programme kif xehed is-Sur Derek D'Amato.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta kwindi jilqa` it-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas is-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta` sitt mija u erbgha u erbghin lira (Lm644) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta."

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` konvenuta. B' mod generali hi tissottometti illi t-Tribunal interpreta b' mod zbaljat il-fatti u l-ligi u wasal ghal konkluzjoni errata. In partikolari, telabora din is-sottomissjoni taghha permezz tas-segwenti:-

(1) Is-socjeta` attrici kienet sodisfatta bil-programm tas-*software* installat ghax ghaddiet ghall-hlas;

(2) Ix-xhieda ta' Thomas Zammit, prodott mis-socjeta` attrici, ghandha tigi skartata ghax dan ma huwiex espert u hu persuna li jopera f' kompetizzjoni maghha;

(3) Ir-rapprezentant taghha cahad li qatt irceva xi ilment li s-sistema ma kienetx qeghda tahdem sew;

(4) Hi ma kellha ebda obbligu li skond is-sengha u l-arti tinstalla "*anti virus*", u t-Tribunal ma kellux jaghti valur hekk qawwi lil din il-kwestjoni in komparizzjoni mal-valur tas-servizzi prestati minnha;

Telegrafikament, il-fatti li taw lok ghal vertenza bejn il-partijiet kienu dawn:-

(1) Is-socjeta` attrici kkummissjonat lis-socjeta` konvenuta biex din tikkrejala programm ta' *software* bid-*database* u d-dettalji tal-proprjetajiet ghal kiri;

(2) Sussegwentement, gie krejat *module* ta' dan il-programm sabiex isir "CSV Routine file". Skond ix-xhud Johann Zammit, impjegat tas-socjeta` Alert Communications Limited, dan ta' l-ahhar ma kienx jiffunzjona kif suppost. Hu spjega li l-proprjetajiet ma kienux qed jidhlu kollha go "Access Database" li s-socjeta` attrici setghet tibghat fuq il-website. Ara Affidavit tieghu a fol. 14;

(3) Mill-bidunett is-socjeta` attrici bdiet tilmenta mas-socjeta` konvenuta dwar id-deficjenzi fil-programm installat. Ara skambju ta' *e-mails* minn fol. 17 sa fol. 26;

(4) Skond ix-xhud Dione Barbieri, direttur tas-socjeta` konvenuta, il-problema kienet wahda kawzata minn intruzjoni ta' *viruses* fis-sistema (ara Affidavit tieghu a fol. 47). Skond Dr. Mark Sammut ghas-socjeta` konvenuta, il-programm installat ma kellux *anti-virus system*. Ghalkemm dan ix-xhud jikkoncedi illi huma ma tawx struzzjoni lis-socjeta` attrici biex tinstalla din is-sistema qabel dik tas-CSV Routine, izid jghid li s-socjeta` attrici ma xtratx l-*anti-virus system*. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 53 *et sequitur*;

Fermi dawn il-fatti fil-qosor, in tema legali ghandu jigi, qabel xejn, osservat illi meta wiehed jassumi l-inkariku li johloq *opus*, huwa ghandu jimpenja ruhu li jaghmel dan fl-osservanza pjena ta' dik ir-regola li timponi fuqu l-adempiment bid-diligenza tal-*bonus paterfamilias*, ghal liema jirreferi l-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili.  Hi proprju din l-istess diligenza oggettiva li ghandha sservi bhala l-metru biex jigi apprezzat jekk id-debitur ta' l-obbligazzjoni ghandux jitqies adempjenti, jew le;

Ragonevolment, din il-Qorti tikkonkorda mas-socjeta` appellanti illi l-materja hawnhekk investita ghandha kollegalment mal-figura guridika ta' l-appalt jew, ahjar, tal-*locatio operis*.  Tali timponi fuq min hu hekk kommissjonat minn bicca xoghol ghall-osservanza tal-mizuri kollha tal-kawtela u ta' dawk l-akkorgimenti indispensabbli ghall-adempiment skond ir-regola ta' l-arti u s-sengha.  Dan hu kriterju ghal liema l-gurisprudenza taghna tirrikorri b' mod ampju f' materji konsimili u li ssib applikazzjoni konkreta fil-prestazzjonijiet fejn l-oggett hu dak ta' obbligazzjoni ta' rizultat.  Ara, ad ezempju, **Kollez. Vol. XXV  P I  p 727**, **Vol. XXVII  P I  p 374, Vol. XXXVII  P III  p 883** u **Vol. XLI P II  p 892**, fost ohrajn.  Hemm raguni ghal dan.  Kull min jippresta opra bhal din hu kontrattwalment tenut ghall-obbligazzjoni *di fare* ghar-realizzazzjoni ta' *opus*.  Din il-Qorti kif presjeduta gja kellha okkazjoni tirravviza dan anke ghal kaz ta' opra intelletwali bhal ma hu *software*. Ara s-sentenza taghha tat-12 ta' April 2007 fl-ismijiet "**Martin Degabriele -vs- Frank Psaila**";

Certament, ir-regola ta' l-arti u s-sengha ssib l-espressjoni shiha taghha fil-bonta ta' l-*opus* realizzat, ghax kif affermat fl-appena accennata sentenza, b' citazzjoni tas-silta mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (22 ta' Marzu 1999, Numru 2661), "*in un contratto di fornitura di un sistema informatico ove l' alienente si impegna contrattualmente a garantire il buon funzionamento, sussiste inadempimento di non scarsa importanza in ogni caso in cui il funzionamento del sistema non raggiunge in concreto il risultato previsto*";

Issa, fil-fattispeci, l-inadempiment da parti tas-socjeta` appellanti hu identifikat fl-accertament illi l-programm installat ma tax ir-rizultat aspettat skond il-htigijiet tas-socjeta` attrici, tant li l-problemi insorgew kwazi immedjatament. U jekk hu tassew veru illi n-nuqqas ta' funzjonament tajjeb kien dovut ghal "*viruses*" fis-sistema kien dejjem jinkombi fuq is-socjeta` appellanti illi tattira l-attenzjoni tas-socjeta` attrici dwar in-necessita` li tkun installata "*anti-virus system*" biex tilqa' ghal din il-problema. Din il-Qorti ma tarax li hu gust u sewwa illi l-kumpanija appellanti tittanta tiskolpa ruhha bis-semplici dikjarazzjoni illi s-socjeta` attrici ma talbetx sistema bhal din jew ma hallsetx ghaliha. Trattasi minn attivita` professjonali, sostanzjata mill-kumpless ta' konoxxenza ta' l-esperjenza teknika in materja, u fis-settur partikulari, il-kanoni ta' mgieba bid-diligenza tal-*bonus paterfamilias* kellu jitraduci ruhu fl-osservanza ta' dik ir-regola ta' l-arti, ossija ta' dawk il-precetti ghal fini li jkun assikurat rizultat objettivament konformi ghall-aspettattivi tas-socjeta` attrici kommittenti. Fiz-zgur, ma kellux ikun mistenni illi s-socjeta` attrici tikkuntenta ruhha bil-prodott ezegwit meta dan ma tahx ir-rizultat mixtieq u, fuq kollox, imbaghad, li din l-istess socjeta` appellata takkwieta ruhha, avolja l-opra nstabet li kienet deficjenti, ghax hi hallset ghaliha u, konsegwentement, kienet sodisfatta. Dak il-hlas ma kellux iservi biex jeskulpa lis-socjeta` appellanti mir-responsabilita` ghall-imperfezzjonijiet jew vizzji fl-istess opra esegwita. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti, in bazi ghar-rizultanzi istruttorji tal-kaz, takkolji l-invit tas-socjeta` appellanti biex tirrevoka s-sentenza fil-mertu;

Qabel ma taghlaq, il-Qorti jehtiegilha tindirizza l-pregudizzjali ta' l-irritwalita` u nullita` ta' l-appell sottomessa mis-socjeta` appellata. Hi disposizzjoni esplicita tal-ligi fl-Artikolu 8 (3) ta' l-Att V ta' l-1995 illi minn sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar "ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-kazijiet kollha fejn l-ammont in kwestjoni, kalkolat skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 (2), jaqbez il-hames mitt lira". F' kaz bhal dan l-appell mhux ristrett bhal ma jinghad fl-Artikolu 8 (2) ghal xi wahda mill-

ipotesijiet f' dan is-subinciz ikkontemplati. Isegwi illi l-appell hu ritwalment propost u l-pregudizzjali, insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi billi filwaqt li tqis infondata l-pregudizzjali tas-socjeta` appellata ta' l-irritwalita` u nullita` ta' l-appell, tichad fil-mertu l-appell interpost u, konsegwentement, tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------